# **Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**

Il-Ħadd 17 ta' Settembru 2017

L-XXIV Ħadd Matul is-Sena

Sena A

**Introduzzjoni**

Illum ser niċċelebraw il-liturġija tal-erbgħa u għoxrin Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex inħennu u naħfru bħalma jagħmel lilna Alla l-Missier

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Sir 27, 30 – 28, 7)

Il-ktieb ta' Bin Sirak jgħallimna nipprattikaw il-maħfra sabiex aħna wkoll niġu maħfra.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 102 (103), 1-2.3-4.9-10.11-12)

Ħanin u twajjeb il-Mulej.

**It-Tieni Qari** (Rum 14, 7-9)

Alla huwa s-sid ta' kulħadd u jieħu ħsieb kulħadd.

Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 18, 21-35)

Ġesù jgħallimna naħfru mill-qalb sabiex ngħixu ta' nsara konkreti.

Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Fis-salm responsorjali stqarrejna li Alla hu ħanin u twajjeb. Ejjew inroddulu ħajr permezz tal-offerti tagħna.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Fit-tieni qari smajna li Alla jieħu ħsieb ta' kulħadd, u l-Ewkaristija hija xhieda li Alla jrid jissieħeb fil-ħajjiet tagħna.

B'dan l-atteġġjament, nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.